# Sahta

(*Novella ta'* Ġiaċinto Tua).

Halef u seħet fil-waqt li kien wieqaf fuq l-għatba.

U r-riħ sefsiflu f'widnejh ħalf u dagħa; u x-xita sawtitu w għannietlu l-mibegħda: u n-nies li għaddew minn ma' ġenbu, għalih ma kellhomx ħlief żebliħ. Kien miġnun? Seta' jkun, għaliex moħħu kien nixef għal kollox. Ġewwa qalbu ma' baqax ħlief ilfiq mingħajr tama u ġo ruħu widien ta' mrar.

Għolla driegħu w webbsu biex jisħet. Għajnejh kienu jibru f'wiċċ aħmar bil-qilla. Sama' daħk faħxi li berren ġo moħħu. Kienet riesqa l-mewt. Le, agħar, wisq agħar — kienet il-ħajja, iżda l-ħajja mgħannqa mal-mewt.

Kien meħtieġ illi jimxi w jissokta jimxi għal dejjem.

Qatt jieqaf ma seta'? Ma ħteġlux li jemmen? Ir-riħ wieġbu bid-dagħa u x-xita weġbitu b'mibegħda li tkexkex. Quddiemu ma' rax ħlief id-dlam — dlam lest għalih biex jibilgħu.

Baqa' sejjer jistaħam ġo l-ilma wit-tajn. L-ilma taffielu

n-nirien li nixxfu lil demmu u lit-tajn huwa ħabbu — iva, ħabb dak il-ħama magħqud għax kien jaf li sejjer jiksieh kollu għal dejjem.

Baqa' sejjer, sejjer il quddiem minkejja tiegħu nnifsu. Ma kellux aktar tama imma ħtieġlu joqgħod għall-amar.

Dellijiet ta' mejtin imxew kotrana quddiemu. Dawn ma kinux ħlief l-imgħoddi. Uħux li jkexkxu mħabblin ma' xulxin għajruh bit-twerżiq waqt li mxew kollha warajh. Ħass ruħu mġiegħel li jimxi għax dawn kienu l-ġejjieni. U baqa' sejjer... sejjer, mitluf għax ħtieġlu jobdi.

Sajjetti u beraq ċarrtu d-dalma li waqgħet wara li għebet ix-xemx qalb sħab iswed u fittxew li jodorbu xi ġisem. Kellu t-tama li jiġi mġarraf, tama qawwija fil-mewt għaliex huwa xtaqha wisq. Iżda l-mewt staħbiet fost dawk l-uħux għomja ġerrejja, u b'kefrija iddieħket imlebbta għal urajh.

Staqsa lilu nnifsu l-għaliex ma ħallewhx jissokta jimxi 'l quddiem sakemm ma kienx jiflaħ iżjed, sa l-aħħar tkagħwiġa. In-nifsijiet sħan u moqżieża tad-dellijiet ħasshom jaħarqu ma' għonqu. Kien jaf li jekk jieqaf, jaħkmuh. Imma huwa ma riedx.

Il-ġejjieni għalih ma kienx ħlief l-imgħoddi u dan kien illum — sigħat illi jwerwru. Għalih ħtieġ li jgħix biss illum għax dan kien ix-xejn u fix-xejn issa huwa sab ruħu. Huwa? Min kien? Ħadd! Ħajja ddisprata, bla ħtieġa!

Bil-kemm felaħ jimxi ftit ieħor 'il quddiem.

Ma' dwaru l-uħux faqqgħu daħk illi jtarrax għax kienu laħquh.

Idejn kiesħa bħas-silġ intgħafsu ma' għonqu w idejn jikwu bħan-nar tħabblu ma' xagħru. Xofftejn imżellġin, imdennija u niġġieża bdew jeħlu ma' ġbinu.

Kien il-ġejjieni li laħqu: il-ġejjieni qerriedi tal-mewt li waslet sa' fl-aħħar bħal fidwa.

U stabat minn tulu minxur. Għolla driegħu w webbsu biex jisħet...... u seħet. Seħet il-ħajja bħal ma seħet f'jum ieħor lil daru. Iżda s-saħta li ħarġet minn fommu ħabtet u laqtet mal-mewt li feġġet quddiemu u ħatfitu. Hu li kien xtaqha lill-mewt u ried iberikha...

Kien hemm ieħor li ħalef u seħet fil-waqt li kien wieqaf fuq l-għatba. U r-riħ sefsiflu f'widnejh ħalf u dagħa; u x-xita sawtitu w għannietlu l-mibgħeda......

---

Din in-novella "Vangelo della Vita" tal-kittieb ta' novelli u dramatist Malti Giaċinto Tua nqrat fit-traduzzjoni ta' Inez Soler nhar it-22 ta' April April 1949 f'"Lejla ta' Tifkira" organizzata b'ġieh dan l-awtur f'jum għeluq xahar mill-mewt tiegħu mill-Fergħa Drammatika, Għaqda tal-Malti (Università).